**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 43

**24 ta' Awwissu 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit - Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindki**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**N/A**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

## 43.1 Qari ta' Ittri ta' Apologiji;

42.1.1 Ma kinx hemm, kulhadd attenda ghal-laqgha.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

43.2.1 Il-Minuti gew imresqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kinx hemm korrezzjoni.

## 43.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

43.3.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li fl-opinjoni tieghu l-ispsiza tal-istage hija gholja hafna ikkomperata mas-snin ta' qabel. Is- Sindku spjegalu li l-istage kien hafna ikbar minn ta' snin ohra u li dan kien gie maqbul waqt laqgha tal-kunsill li peress li ghandna bizzejjed l-fondi mid-Dipartiment l-attivita' ssir fuq livell iktar gholi.

43.3.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hija kienet iddisappuntata hafna bis-*sound* minhabba li ma harigx tajjeb kemm f' *Connecting Through Culture* kif ukoll f'Jum Ta' Xbiex.

Il-kunsill qabel unaniment izda s-Sindku qal li ma kienx innutah is-*sound f' Connecting Through Culture* pero huwa kien diga kellem lill-Commander Jay li kien il-persuna responsabli. Is-Sindku qal li Commander Jay qabel mieghu u spjegalu li dak inhar ma kienx qed jiehu hsieb huwa u qabbad *Sound Engineer*. Kumpens ta' dan Commander Jay ta' lilll-Kunsill €1,000 f'kreditu.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kreditu ghandna nuzawh f'attivita' zghira.

43.3.3 Il-Kunsillier Ronnie Portelli qal li lis-Sur Alfred Cetchuti ghandna nnaqsulu l-pagament minhabba li l-*istaff* taghna ghenuh ukoll waqt l-attivita'. Is-Segretarju Ezekuttiv fakret li ghal din l-attivita' kull sena tiftiehem mal-*istaff* biex jaghtu l-ghajnuna fejn ikun hemm bzonn biex kemm jistajkun ma nqabdux lill-haddiehor xoghol li jistghu jaghmlu huma.

Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti kompliet tispjega li l-kwotazzjoni li dejjem taghna hija skond kemm il-Kunsill se jipprovdielu *staff*, ghaldaqstant ma tarax raguni valida ghaliex ghandna nnaqsulu.

Il-Kunsill qabel li l-pagament ghandu jinghata kollu.

43.3.4 Il-Kunsillier Eugenio Muscat gibed l-attenzjoni li l-Mailbox qabzu xi toroq u naqsu milli qasmu l-*flyers* kollha kif gie mitlub. Is-Sindku qal li huwa kien diga gibed l-attenzjoni lill-Anna Micallef u kelmiethom u naqsilna l-pagament.

Gie deciz ukoll li ghas-sena diehla ghandna xorta nqabdu lill-Mailbox biex iqasmu gewwa l-Gzira u l-Imsida imma biex nizguraw li f'Ta' Xbiex jinqasmu lir-residenti kollha, ghandhom jqassmuhom l-*istaff* tal-kunsill.

43.3.4 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Vici Sindku Oriana Calleja issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 43.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

43.4.1 Is-Sindku irringrazja lill-Kunsilliera u l-istaff tal-kunsill tal-ghajnuna kollha li taw biex l-Attivitajiet kienu ta' success u sena wara ohra dejjem tejjibna l-livell.

Il-Kunsilliera rreciprokaw l-irringrazjament u qablu unanimament li kien hemm hidma tajba.

43.4.2 Is-Sindku qal li rcevejna e-mejl bi *Press Release* fejn gejna infurmati li nistghu napplikaw ghal progett li jkun jiswa sa €300,000. Is-Sindku qal li kellu laqgha mal-President Mario Fava tal-AKL fejn bdew jinhargu ideat kif nistghu nikrijaw spazji miftuha jew nkella *slow streets*.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kien hemm periti li diga kienu ghamlu l-istudju taghhom fi Triq Principessa Margerita u Triq Abate Rigord. Huwa qal li ghalkemm mal-ewwel daqqa t'ghajn jinsab xettiku peress li trabba hemm u jaf it-triq sewwa, fl-istess hin jista jkun progett li r-residenti maz-zmien japprezzawh u ghaldaqstant esprima li ghandu mixed feelings.

Is-Sindku qal ukoll li din l-iskema ukoll ghandna zmien qasir biex napplikaw ghaliehom izda hekk il-kunsill jaqbel mal-progett tal-*islow streets*, l-AKL se jkunu qed jghinuna fl-applikazzjoni.

Is-Sindku ghadda ir-rapport li ghamlu dawn il-periti, lis-Segretarju Ezekuttiv biex taghddieh lill-Kunsilliera kollha.

Is-Sindku qal li fir-rapport wiehed jista jara li l-Periti hargu bl-idea,  li Triq Principessa Margerita fejn hemm il-bandiera ma jibqax ikun hemm access ghan-naha tal-Gzira jew l-Imsida u jsir jew bandli, dogs park etc... u dawk li joqodu go Triq Principessa Margerita jistghu jidhlu sa fejn taghlaq u tkun tista ddur lura u jaghddu minn Triq il-Watar jew Triq il-Kosbor skond d-direzzjoni li wiehed jkun jixtieq jmur.

Il-Vici Sindku Oriana Calleja u l-Kunsilliera Ronnie Portelli u Louise Cachia Catelletti jaqblu li jesploraw fuq dan il-progett izda l-Kunsillier Eugenio Muscat ma jaqbilx ma dan il-progett minhabba li jemmen li se jkun hemm problema akbar ta' parkegg.

Il-Kunsillier Ronnie Portelli fakkar ukoll li qabel ma jsir dan il-progett irridu niehdu hsieb It-transport pubbliku. Is-Sindku ikkonfermalu li mhux ser taffetwa t-transport pubbliku minhabba li t-triq mill-Gzira ghal Imsida se tibqa miftuha.

43.4.3 Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuggerixxa li minflok dan il-progett ghandna nikkunsidraw li minflok il-bicca ta' Triq Abate Rigord li taghti in-naha tal-Imsida ssir *pedestrian* minhabba li hemm hafna *cafeterias* u restorants.

43.4.4 Il-Kunsill qabel li naraw aktar fil-fond dan l-istudju. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li qabel ma jigi implementat ghandna nikkonsultaw mar-residenti, is-Sindku wiegbu li progetti bhal dawn hija normali li nikkonsultaw mar-residenti.

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.4.5 Is-Sindku qal li d-Dipartiment hareg skema ohra SPI/SCI/08/2022 – Espressjoni ta' Interess Finanjament Milied 2022. Huwa qal li ghandna opportunita' li nistghu napplikaw ghal diversi attivitajiet relatati mal-Milied.

Is-Sindku spjega li parti mill-fondi jistghu jintuzaw billi nqabdu Artiistic Director.

Wara diskussjoni twila bejn il-Kunsilliera hargu bl-ideat li nistghu napplikaw ghaliehom kif gej:
- Ngibu Choir biex nuzwah ghal meta se jkolna l-wirja tal-presepju.
- Napplikaw ghal parata fit-toroq fejn ikun hemm il-Christmas father fuq il-karru
- Nqasmu xmas cake u nawguraw lir-residenti b'kartolina maltija fejn naghddu messagg bil-Malti
- Norganizzaw riciviment ghall-anzjani
- Nipjanaw Gurnata Ghawdex bl-ikel u fl-ahhar jmorru ghal wirja tal-presepju
- Nqassmu bieb bieb biex ninfurmaw lir-residenti bl-attivitajiet li se jkolna matul ix-xahar ta' Dicembru
- Naghmlu attivita' bil-kant u zfien
- Tizjien tal-Milied

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jipjana programm ta' attivitajiet differenti u napplikaw ghal massimu tal-fondi li din l-iskema qed tofri. Igifieri l-Kunsill jista jiffinanzja sa €4,700.

43.4.6 Is-Sindku qal li fuq parir tad-Direttur Marisa Pisani, is-Segretarju Ezekuttiv talbet kwotazzjonijiet biex tkun tista titlob lill-Ministeru Direct Order. Hija infurmatu li rceviet l-ewwel kwotazzjoni u qaltlu li l-bankini jiswew kif gejjien:
- Triq Prinicipessa Elizabetta € 51,006.56 exc VAT
- Triq l-Ambaxxati € 34,295.76 exc VAT
- Triq Augustus Bartolo €69,795.63 exc VAT

Ghaldaqstant li peress li ahna ghandna €60,000 fond hemm bzonn li naghzlu liem bankini ser naghmlu.

Il-Kunsill qabel unanimament li nahmlu Triq l-Ambaxxati u part minn Triq Principessa Elizabetta.

43.4.7 Is-Sindku qal li infurmatu li l-van tal-haddiema tal-Kunsill rega bil-hsara u hemm bzonn li jinbiddel l-*isteering rack*. Izda qed niehdu naqa zmien minhabba li hija difficli biex nsibu wiehed *second hand* u gdid jiswa hafna flus.

Is-Sindku qal ukoll li sadanitant is-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li x-xoghol ta' barra, fejn is-soltu l-haddiema juzaw il-van, qed issir xorta minhabba li l-haddiema qed jikkoperaw hafna maghha u fejn ikun hemm bzonn jmorru bil-karretta.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-gimgha diehla l-mekanik ghandu ittieha risposta dwar *steering rack* li sab *second hand*. Il-Kunsill qabel unanimament li hekk ma jkunx hemm spiza kbira naqbdu u nbidluh izda filkas jkolna nergu nitkelmu.

## 43.5 Ċirkulari numru SPI/SCI/09/2022 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom;

43.5.1 Is-Sindku Max Zammit spjega l-iskema u ta' ideat differenti ghalxiex il-Kunsill jista japplika, Wara diskussjoni twila, nhargu hafna ideat ta' progetti fosthom:

- Nwessaw il-bankina ta' Triq ir-Rampa (in-naha tal-bahar) u jsiru xi gallarijiet
- Nistghu ninstallaw xi *smart benches*
- *Green Walls* fi Triq Abate Rigord
- Nikkunsidraw biex flok ballavostri (hekk dejjem m'humiex parti mill-istorja antika) fi Triq ix-Xatt/Triq ir-Rampa issir xi tip ta' *railing* immodernizat li jaghti dehra gdida lill-kosta
- It-tarag tal-Belvedere jigi madum ikkulurit b'disinn
- Inqabdu artisti fejn ippitru xena fit-tarag il-wiesgha li nsibuh bhala t-Tarag ta' Ta' Xbiex
- Fejn hemm it-turgien mit-Triq ir-Rampa li jaghti ghal Triq ix-Xatt jsiru *escalators*

Gie miftiehem li s-Sindku ser jaghmel rapport dwar l-ideat ta' progetti differenti u se jaghti prijorita' ta' *smart cities, escalators* kif ukoll li nwessaw il-bankina Triq ir- Rampa.

Is-Segretarju Ezekuttiv fakret li ghandha bzonn decizjoni ta' progett malajr kemm jistajkun biex tkun tista tigbor id-dokumentazzjoni kollha mehtiega kif ukoll timla l-applikazzjoni.

Gie deciz li hekk fl-ahhar ftit gimghat naraw li ma jkolniex id-dokumenti mehtiega ghandna napplikaw ghal bankini li diga ghandna dokumenti kollha li qed jigi mitlub.

## 43.6 Fondi mir-Regjun Lvant - Progetti b'kollaborazzjoni mal-K.L fi Ħdan IL-K.R.L. GĦAS-SENA 2022

43.6.1 Is-Sindku Max Zammit spjega li r-Regjun Lvant hareg 4 skemi differenti. Huwa qal li dawn l-iskemi jistghu jigu utilizzati sa Ottubru 2022 izda hekk minn Jannar s'issa diga ghamilna xi progett jew xtrajna xi haga nistghu niklemjawhom alavolja diga thallas il-pagament minghajr ma infurmajniehom.

- L-ewwel skema hija li l-Kunsill ghandu €2,000 biex jghin lill-ghaqdiet. Huwa qali li l-ghaqdiet li ahna nistghu nghinu huma il-Parrocca, kazini politici, klabb tal-futbol u klabb

tal-waterpolo. Is-Sindku qal li tajjeb indahlu l-ispiza li ghamilna biex irrangajna t-tarag tal-knisja, lill-futsal nistghu nghinuhom billi nixtru First Aid box u hekk jifdal fondi nkomplu nghinu lill-Knisja billi nighnuhom fl-ghamara li qed jixtru ghas-sagristija.

Il-Kunsill qabel unanimament.

- It-tieni skema l-Kunsill jista japplika sa €16,000. Dawn il-flus nistghu nuzawhom fi Progetti Kulturali, Sports, Muzika, Jum il-Lokal, Baned.

  Il-Kunsill qabel li nistghu napplikaw ghal:
  - harga kulturali ghar-residenti fejn nipjanawlhom gurnata u nhalsulhom kollox.
  - nistghu ndahlu l-ispiza kollha ta' Jum Ta' Xbiex
  - Il-Klabb tal-futbol rebah ic-Championship tal-beachsoccer, ghaldaqstant ghandu l-opportunita' biex jmur jilghab gewwa l-Portugal .Il-Kunsill qabel biex naraw fiex nistghu nghinuhom biex ma jitilfux din l-opportunita'.

- It-tielet skema ghandna l-opportunita' li nibbenefikaw mal-€35,000 ghal progetti ta' Titjib fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li napplikaw ghal din l-iskema billi nikkombinawhom mal-iskema tad-Dipartiment SPI/SCI/9/2022. Bhal ezempju hekk se nwessaw il-bankina b'din l-iskema nistghu nixtru l-bankijiet biex jikumplementaw l-progett il-gdid li nkunu ghamilna.

## 43.7 *International Kickboxing*

43.7.1 Is-Sindku qal li rcevejna emejl fejn qed jitolbuna biex issir din l-attivita' fil-*carpark* tal-*yacht marina* fejn jaghlqu parti minna ghal 3 t'ijiem. Huwa spjega li huma jixtiequ jaghmlu l-attivita' fl- 20 ta' Settembru jaghlqu l-arena u kull min jixtieq jattendi irrid jaghmel dan billi jixtru l-biljetti.

Il-Kunsill qabel unaniment.

43.7.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ssuggerriet ukoll biex nippruvaw ngibu l-*event* tal-*International Cars* minhabba li waqfuhom milli jaghmluha fl-Imdina, hija tal-idea li nistghu ninaqdu mal-Imsida u mal-Gzira biex jaddu mal-kosta. Il-Vici Sindku Oriana Calleja taqbel mal-idea.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat ma jaqbilx minhabba li jaghmlu hafna hsejjes u qal li dawn waqfuha minhabba li kien hemm hafna dgergir mir-residenti u s-Sindku qal li huwa xettiku hafna fuqha minhabba l-istess raguni tal-Kunsillier Eugenio Muscat.

## 43.8 TXLC/02/2022 *Services – Tender for the Provision of a Qualified Accountant;*

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li nfetah it-tender u hemm 3 bidders fejn l-irhas wahda hija ta' €14,400. Hija infurmat li issa jmiss l-evalwazzjoni u jintaghzel il-*bidder.*

## 43.9 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera;

43.9.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet ghal liem raguni l-Kunsill ma giex infurmat bil-harga ta' Lejla f'Ghawdex bl-attitvita' li ser ssir nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu.

Is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota ta' dan l-ilment u zgurata li din ma tergax tirrepetti ruha.

## 43.10 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

43.10.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti proponiet li ghandna nghidu lill-Contract's Manager biex jghina f'dawn l-applikazzjonijiet peress li hawn hafna skemi li ghandna ftit zmien biex napplikaw. Is-Sindku qal li bhalissa ghaddej minn zmien iebes hafna minhabba li ghandu mard serju fil-familja.

Il-Kunsill qabel li ghandu jsir meeting bejn is-Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti u l-Contract's Manager Michael Mifsud u naraw x'jista joffri.

## 43.11 Rapporti mill-Kunsilliera;

43.11.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li s-sena diehla ghal attivita' ta' *Connecting Through Culture* ghandna nordnaw zewg *photographers* minhabba li hemm xi ritratti tal-*performers* neqsien minhabba li l-*photographer* kien qed iddur mas-Sindku u l-kunsilliera mal-*istalls* tal-Ambaxxati u artigjanar.

Is-Sindku Max Zammit qabel u qal li huwa kien diga qal lis-Segretarju Ezekuttiv ghax anke l-photographer gibidlu l-attenzjoni.

Il-Kunsill qabel unaniment.

## 43.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir l-Erbgha 14 ta' Settembru, 2022 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-8.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum l-Erbgha 24 ta' Awwissu, 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |